BIRKIRKARA

# Minuti tal-Hamsa u Tletin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2015 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb(Assenti Skuzata) |

**L-Ufficjal:**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, s-Sur John Mizzi, u s-Sur Mark Abdilla. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys kien hemm Dott. Francesca Zarb filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar is-Sinjur Matthew Mangion kien skuzat. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-publiku. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Is-Sur Liam Gauci qal li f' 5.3 hu kien qal li kien il- WIFI tal-Imriehel li kien imhallas mill-Gvern Lokali u mhux dak tal-ufficcju kif hemm imnizzel.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 33 u 34

3.1 Il-minuti tat-Tlieta u Tletin u l-Erba u Tletin laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is- Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, u s-Sur Mark Abdilla. Il-minuti tal-laqghat 33 u 34 gew approvati mill-membri kollha prezenti u sekondati mis–Sinjur Liam Gauci u s-Sur Anthony Buttigieg.

BIRKIRKARA

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numri 33 u 34.

4.1 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li meta kien iltaqgha l-kabinett gewwa l-binja tal-kunsill, Sindku ta' lokalita qal li il-Gvern kien ghenu biex jithallas parti mill-kont tal-PPP u staqsa jistax isir l-istess mal-Kunsill ta' Birkirkara. Is-Sindku qalet li hi ghandha taghmel l-istess talba.

4.2 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk meta ssir attivita gewwa l-Gnien tal-Istazzjon kienx qed jinzamm l-istess prezz li kien jinzamm fi zmienu. Is-segretarju qal li hu kien izzomm €116 bhala donazzjoni pero hu kien lest li meta xi membru parlamentari kien jaghmel talba biex jikri dan il-gnien ghall xi attivita, hu kien lest li jaghti  l-uzu ta'dan il-gnien b'xejn.

4.3 Is- Sur Mark Abdilla staqsa setghux jsiru xi fjuri fi Triq il-Wied. Is-Sindku qalet li dan dalwaqt kellu jsir.

4.4 Is-Sur Michael Fenech Adami informa l-kamra li NET TV din is-sena kien sejjer ixandar il-purcissjoni u l-quddiesa tal-festa ta' Santa Liena.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru

5.1 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa rigward il-pagament numru 4, pagament  lill-Kaless Ltd, imnizzel bhala *Safety Rail*. Is-segretarju spjega li dawn huma *rails* ta' bla riklam li twahhlu f'diversi postijiet f'Birkirkara. Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa ghalfejn dawn gew imhallsa mill-kunsill meta ftit minnhom twahhlu f' toroq arterjali li jaqghu responsabilta ta' Transport Malta. Hu zied jghid li ma jistax jifhem kif il-kunsill hallas €1,000 ghal *rail* li kull ma kien fih kien 15 il-metru. Is-Sindku qalet li s-Sinjura Dorriane Pullicino ghandha tikteb ezatt fejn dawn kienu twahhlu. Is-segretarju qal li dawn issa bdew isiru mill-haddiema tal-kunsill.

5.2 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa dwar il-pagament ta' Frank Fenech. Is-segretarju qal li dan kien pagament ghal diversi xogholijiet ta' Gypsum li saru gewwa l-kunsill.

5.3 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li jekk wiehed jghodd l-ispejjes tal-attivita ***Birkirkara u s-Seklu XX*** li jidhru f'din il-lista, dawn jammontaw ghall €2,600. Hu staqsa kemm kien hareg il-Gvern ghal din l-attivita. Is-Sindku wiegbet li din is-sena l-kunsill ma kien ha xejn waqt li s-sena l-ohra il-Gvern kien ta €1,000 li sal-lum ghadhom ma thallsux. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma jistax jifhem kif zewg streamers ghal din l-attivita gew jiswew €932 meta billboard tiswa €250.

5.4 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa rigward pagament ta' €222 lil- Melita Cable plc. Dan kien pagament biex ingab is-servizz tal-Melita Cable dakinhar tal-attivita ta' ***Birkirkara u s-Seklu XX*** peress li nzerta, li dakinhar kien hemm il-final tac-*Champions League* u ghalhekk din il-partita intweriet fuq tlett *big screens* f'diversi postijiet waqt l-attivita.

Il-Lista tal-pagamenti kif ukoll dik tal-Petty Cash kienu tqassmu qabel il-laqgha u meqjusa bhala moqrija. Dawn gew approvati mill-membri kolha prezenti u ssekondati mis-Sur Anthony Buttigieg.

## 6. Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.1 Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa kienx hemm xi zvilluppi dwar il-kwistjoni tal-V&C Contractors Ltd wara li s-segretarju kien pogga rapport fuq il-mejda dwar dan. Is-Sindku wiegbet li bhala pagamenti tal-V&C Contractors Ltd, il-Kunsilliera Laburisti kienu qed jitolbu lis-segretarju biex jibghat dokument li jkun izjed dettaljat dwar dan il-kaz. F'dan l-istadju hi iddccidiet li taqra dan id-dokument u jinsab anness ma dawn il-minuti bhala 'DOk 'A'. Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk allura il-problema kienetx biss dik rigward Sqaq It-Tigieg ghaliex ghall-progetti l-ohra kien hemm tender. F'dan l-istadju s-Sur Michael Fenech Adami talab

ghall-kopja tal-minuti bil-lista tal-pagament tas-seba legislatura kollha. Is-Sindku wiegbet li wiehed sta jsib dawn *online*. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kellu dritt biex ikollu f'idu dawn il-minuti f' *hard copy*. Ghalhekk is-segretarju kellu jipprepara sal-laqgha li jmiss, dawn id-dokumenti.

6.2 Is-Sindku qalet li l-iskart organiku kien sejjer jibda jingabar it-Tnejn u l-Gimgha, l-iskart saparat It-Tlieta u l-Hamis, waqt li l-borza s-sewda ghandha tibda tingabar l-Erbgha, s-Sibt u l-Hadd. Il-Green MT ghanda taghmel kampanja edukattiva dwar dan.

*6.3* Is-sinjura Marie Claire staqsiet rigward il-progett tal-*Collection of Organic waste* kif dan kien sejjer jigi mwettaq peress li ma tantx kellha fiducja li din is-sistema kienet sejra tahdem, meta xi nies lanqas kienu ghadhom draw meta ghandhom johorgu l-borza sewda u meta ghandhom johorgu dik il-griza. Is-sindku wiegbet li anka hi kellha d-dubji taghha fuq dan izda kull lokalita kellha taddatta din is-sistema jekk mhux l-llum, ghada ghalhekk ma kellhiex ghazla biex tibqa barra. Din is-sistema ghandha tibda f'Ottubru u ghandu johrog tender gdid tal-gbir ta' skart, tender li ilu skadut sentejn. Is-Sindku qalet li jekk xi hadd mill-membri ghandu xi suggeriment li ghandu jkun inkluz f' dan it-tender dan ghandu jinforma l-kunsill minnufih. Wahda minn dawn l-affarijiet ghandha tkun jekk ghandux jinbidel il-hin ta' meta dan l-iskart ghandu jingabar. Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk l-ispiza ghall-gbir ta' skart kientx se tghola peress li kienet sejra tizdied il-gurnata tal-Hadd. Is-Sindku wiegbet li dan kien minnu.

*6.4* Is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk zdiedux l-iskips madwar il-*bring in sites* ghal matul iz-zmien tas-sajf. Is-Sindku wiegbet li fejn kien possibli dan sar, izda kien hemm hafna ilmenti minghand ir-residenti li ma riedux iktar skips hdejn djarhom.

6.5 Is-Sur Michael Fenech Adami qal li wahda mill-granet li ghandu jingabar l-*organic waste* ghandha tkun gurnata tal-monti, peress li f' dawn il-granet jinxtara hafna ikel u ghalhekk jintrema ammont sosstanzjali ta' skart bhall nghidu ahna haxxix, hut ecc.

6.6 Dott. Francesca Zarb qalet li waslulha lmenti minn xi genituri li joqghodu gewwa Fleur-de-Lys, fejn dawn qalu li l-ewwel riedu jirregistraw it-tfal taghhom Birkirkara umbaghad issir talba biex dawn jintbghatu l-iskola ta' Santa Venera li tinsab iktar vicin. Is-Sindku ikkonfermat li dan jigri lil minn ghandu l-karta tal-identita li tghajjat Fleur-de-Lys Birkirkara. Hi ziedet tghid li din kienet minhabba l-kwistjoni tal-konfini.

6.7 Dott. Francesca Zarb infurmat l-kamra li din is-sena kien imiss li Fleur-de-Lys jorganizza l-attivita 'Gieh Fleur-de-Lys'. Ghalhekk hi kienet qed tistaqsi xi kien il-budget ghal din l-attivita. Hi ziedet tghid li din l-attivita ghandha tqum madwar €700. Is-Sindku wiegbet li din kienet mwedgha minnha fil-passat u ghalhekk din l-attivita ghandha ssir u l-budget meqjus bhala wiehed approvat.

6.8 Is-Sur John Mizzi staqsa x'kienet il-procedura meta wiehed jaghmel hsara fill-vettura minhabba l-istat tat-toroq gewwa Birkirkara. Is-Sindku wiegbet li dawn ghandhom jiktbu u jibghatu *police report* lill-Kunsill. Il-Kunsill kien jghaddi dawn id-dokumenti lill-avukat u dan kien jikteb lil min ghamel it-talba. Jekk dan ma jkunx soddisfatt bit-twegieba, dan seta jfittex lill-kunsill.

6.9 Is-Sur Mark Abdilla staqsa jekk kienetx saret it-talba lill-Gvern Lokali biex wiehed jara x'propjeta vojta hu kellu fill-lokalita li setghet issir devoluta lill-kunsill. Is-Sindku wiegbet illi dan kien ghadu ma sarx izda ghandha ssir billi tinkiteb ittral lid-dipartiment tal-artijiet.

## 7 Korrispondenza

Ma kienx hemm l-ebda korrispondenza.

## 8 Kommunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku qalet li l-kunsill kien gie mharrek li hu kien nehha xi drenagg ta' xi dar ta' wahda anzjana. Ghalhekk hi kienet xehedet il-qorti u l-magistrata qalet li l-kunsill kellu jara jekk dan kienx minnu u zammet l-kunsill responsabli. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li hu ghandu dubju jekk qatt kienx hemm drenagg f'din il-propjeta li hi qed terreferi ghaliha. Il-kunsill iddecieda li ghandu jitqabbad perit biex dan jigi vverifikat.

8.2 Is-Sindku qalet li l-*interviews* ghall Council Attendants/ Supervisors part timers kienu tlestew u kienu gew impjegati tlieta minn nies.

8.3 Is-Sindku infurmat il-kamra li bhall ma kien jaf kullhadd is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Arthur Pizzuto kien irrizenja mill-kariga tieghu u ghalhekk il-gimgha d-diehla kellhom isiru l-interviews biex jinhatar Segretarju Ezekuttiv gdid.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.30 pm u giet aggornata ghall-nhar it-Tnejn, 3 ta' Awwissu 2015 fis-6.30 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

| | |
|---|---|
| Arthur Pizzuto<br>Segretarju Ezekuttiv | Joanne Debono Grech<br>Sindku |